MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Avviz Numru. 4/2005

**L-Avukat Dottor Tonio Grech bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Molemab S.p.A.**

**vs**

**Marmista Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Jannar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur nomine is-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (LM2,359.20,0), import tal-prezz ta' diversi

merci mibjughin u kkonsenjati lilha mis-socjeta' attrici skond iz-zewg fatturi annessi u mmarkati bhala Dok. TG 1 u Dok. TG 2, liema fatturi jgibu l-prezz totali ta' hamest elef erba' mija u tlieta u erbghin Euro u erbghin centezmu, (Euro 544.40), liema ammont huwa ekwivalenti ghall-ammont ta' elfejn tlett mija u disgha u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (LM2,359.20,0), bir-rata tal-kambju LM1=Euro 2.3073 skond dok. CB mahrug illum mill-Bank Centrali ta' Malta;

2. Bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv; bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata is-7 ta' Jannar tas-sena 2003, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta permezz tar-rapprezentanti legali taghha sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;

2. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut stante illi l-merkanzija kkonsenjata ma kinitx tal-kwalita' pattwita;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' l-attur datata it-2 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha ipprezenta affidavit ta' ezio Maislini tas-socjeta' rapprezentata mill-attur nomine;

Rat id-dokument anness ma' l-istess affidavit u l-original tieghu;

Innotat li s-socjeta' konvenuta naqset li tutilizza l-opportunitajiet lilha moghtija biex iggib il-quddiem il-pozizzjoni taghha;

Ikkunsidrat:

1. Illi effettivment is-socjeta' rapprezentata mill-attur nomine ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta l-merkanzija indikata fil-fatturi mmarkati Dok. TG 1 u Dok. TG 2;

2. Illi wara li hadet il-konsenja ta' l-isess merkanzija l-istess socjeta' konvenuta effettwat pagament parzjali ta' l-ammont dovut kif jirrizulta mid-dokument immarkat Dok. Tg 3, (ara fol 26);

3. Illi l-ammont pretiz mill-attur nomine hu dak indikat fl-avviz promotur, liema ammont hu d-differenza rimanenti mill-ammont originali dovut;

4. Illi s-coejta' konvenuta baqghet ma ssaldatx dan l-ammont rimanenti u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;

5. Illi nonostante li nghatat diversi opportunitajiet biex tressaq il-pozizzjoni taghha 'l quddiem, is-socjeta' konvenuta naqset li taghmel dan minghajr l-ebda raguni skond il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti tqis li l-attur nomine ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta;

1. Tikkikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici favur l-attur nomine ghas-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (Lm2,359.20,0);

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta Marmista Limited sabiex thallas l-ammont hekk likwidat lill-attur l-Avukat Dottor Tonio Grech bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Molemab S.p.A.;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi, kif mitluba mid-data tas-7 ta' Jannar tas-sena 2003.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------